**Bl-Imħabba tal-Missier**

Ftit kelli l-grazzja li nsir nafek
Ja qaddej t'Alla safi w fidil,
Kull darba li jfakkarni l-Mulej
Fik, indur lejh quddiemu immil.

Is-skiet tiegħek tassew jitħaddet
Bil-bosta ħwejjeġ bla għadd u sbieħ,
Ta' eżempji tal-aqwa tjieba
Kull fomm jista' dan ma jsemmiehx?

Niftakrek fl-isptar ċkejken tagħna
Fejn kont niġi nżurek tul ħidmieti,
Għadni niftakar it-tbissima
Li kienet balzmu għal mixjieti.

Imdawwar kif kont minn uliedek
Bl-imħabba vera tal-familja,
Min kien jiġi ħdejk kien jiltaqa'
Ma' ħnienet Alla fl-ogħla milja.

Ġid kbir għamel bik Alla Sidna
B'dak is-skiet li jaħdem bil-għaqal,
Għax jaf jisma' fis-skiet kbir tiegħu
Lill-Ispirtu li qatt ma jtaqqal;

Imma jifdi bil-ħelsien tiegħu
Iħalli timraħ fil-bogħod lir-ruħ,
Iħobb mill-qiegħ u f'ħafna sewwa
B'imħabba soda u bla uċuħ.

Ħajtek priedkta waħda ta' mħabba
Ħabbejt lil kulħadd u minn qalbek,
U issa li qiegħed fis-sema
Ġorrna lkoll fil-qawwa ta' talbek.

Strieħ Ton, strieħ f'dirgħajh hekk setgħana
Int li kont xempju għax kont sinċier,
Strieħ qassis, għall-merħla tajt ħajtek
B'dik l-imħabba kbira tal-Missier.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Lulju 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.